**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 134/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Dylan Degiorgio**
**(ID 151893(M))**

**Illum: 28 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dylan Degiorgio**, iben Mario u Connie xebba Moon, imwieled il-Pieta` nhar l-20 ta' Marzu 1993 u residenti ġewwa Forensic Ward, MCH, Attard – No. 417, Fgura Arcades, Flat 6, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 151893(M);

Akkużat talli nhar is-17 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tas-17:45 hrs, ġewwa l-Forensic Ward, Sptar Monte Karmeli, Attard:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi kliem insolenta u hedded lill-Maġġur George Mallia, persuna nkarigata minn servizz pubbliku fl-istess post ta' detenzjoni;

3. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Ġustizzja (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.[1]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), datat 25 ta' April 2016, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan b'referenza għas-17 ta' Marzu 2016, għall-ħabta tas-17:45 hrs, ġewwa l-*Forensic Ward*, fl-isptar Monte Karmeli.

Jirriżulta mill-provi prodotti illi fil-jum u l-ħin indikati, fil-post imsemmi, **PC 1522 Mario Azzopardi** daħal fiċ-ċella okkupata mill-imputat Dylan Degiorgio u ra illi l-istess imputat kien fil-pussess ta' dak li huwa jiddeskrivi bħal "*qisu pajp u lighter u biċċa foil*". L-istess PC 1522 jixhed illi x'ħin l-imputat rah, dan bħal tefa' dawn l-oġġetti bejn saqajh, iżda hekk kif talabhomlu, huwa ma rreżistiex u tahomlu mill-ewwel.[3] Il-Qorti tinnota illi għalkemm l-Uffiċjal Prosekutur **l-Ispettur Sandra Zammit** esebiet dawn l-oġġetti matul ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri[4], il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-ħatra ta' espert sabiex dawn jiġu analizzati.

Biss **l-imputat** li għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri, xehed illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien jinsab ġewwa l-*Forensic Ward* u fi kliemu "*kont ghaddej minn zmien hazin il-habs u sibt ruhi mad-droga <u>u hadt</u>*" [sottolinear tal-Qorti].[5] In kontro-eżami, huwa jixhed illi dakinhar kienu sabulu *foil* f'idu ossia *foil*

---

[1] Ara din iċ-ċitazzjoni, kif korretta, a fol. 11 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 6 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda ta' PC 1522 Mario Azzopardi a fol. 17 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Sandra Zammit a fol. 36 *et seq* tal-proċess. L-oġġetti misjuba fil-pussess tal-imputat ġew esebiti bħala Dok. SZ 2.
[5] A fol. 89 tal-proċess.

maħmuġa bil-linji tad-droga, li skont hu kien ser jarmiha 'l hemm, jerġa' jirrepeti li ltaqa' mad-droga u ħa minnha u mistoqsi għal-liema droga kien qed jirreferi, iwieġeb droga eroina. Jgħid ukoll illi fir-rigward huwa ħa l-konsegwenzi kollha ġewwa l-ħabs.[6]

Il-Qorti tqis kemm min-natura tal-oġġetti li nstabu fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, ossia oġġetti li jintużaw fil-konsum tad-droga eroina, kif ukoll mix-xhieda tal-imputat stess, illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-jum, fil-ħin u fil-post in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina. Għaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Il-Qorti tinnota illi fil-każ odjern, minkejja illi d-difiża fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ssollevat l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*, u lanqas ma trattat dwar dan il-punt – filfatt la d-difiża u lanqas il-Prosekuzzjoni ma għamlu sottomissjonijiet finali, iżda rrimettew ruħhom għall-provi prodotti – fl-istadju tal-provi tad-difiża, irriżulta illi l-imputat ma ġarrabx proċeduri dixxiplinari in konnessjoni mal-każ odjern, għaliex il-każ tħalla f'idejn il-Pulizija Eżekuttiva (li eventwalment xliet lill-imputat bl-imputazzjonijiet odjerni), iżda stante illi huwa nstab fil-pussess tal-oġġetti in kwistjoni, mill-*Forensic Ward* ġewwa l-isptar Monte Karmeli, huwa ntbagħat lura l-ħabs u hemmhekk qatta' tmienja u għoxrin jum fid-Diviżjoni 6, ossia diviżjoni li hija komunement magħrufa għal reġim iżjed strett. B'dan madankollu, illi **Lieutenant Helenio Galea** jixhed ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat baqa' ntitolat għat-telefonati, il-viżti baqgħu jsirulu wkoll u ma kien hemmx konsegwenzi oħra, għajr illi ġie hekk trasferit. Lanqas ma kien hemm tnaqqis fil-perjodu tar-*remission.*[7] Mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud jirriżulta illi nhar it-18 ta' Marzu 2016 – ossia l-għada tal-inċident mertu ta' dan il-każ – l-imputat instab posittiv għad-droga[8], iżda fir-rigward huwa jispjega illi dak iż-żmien il-Bord tad-Dixxiplina fil-ħabs ma kienx kompost u għalhekk la darba kompost, xi sentejn u nofs wara l-każ, dehrilhom illi l-imputat m'għandux jiġi kkastigat dwar fatt li seħħ żmien qabel.[9] Dan jirriżulta wkoll minn Dok. HG 1 esebit mill-istess xhud.[10] Għal kull buon fini, il-Qorti sejra xorta waħda tikkunsidra dan il-punt.

**L-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid hekk:

> Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.

[6] Ara a fol. 88 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara a fol. 115 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara Dok. HG, a fol. 107 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 99 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol. 123 tal-proċess.

Huwa ċar għalhekk illi biex tirnexxi l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* jeħtieġ illi l-ewwel proċeduri jkunu ntemmew b'sentenza.

Il-principju ta' *ne bis in idem* huwa imħaddan mhux biss fil-Kodiċi Kriminali, iżda wkoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Għalhekk **l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi illi:

> Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ...

**L-artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni** mbagħad jgħid hekk:

> Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġa` ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-10 ta' Jannar 2005, fl-atti tar-Referenza tat-30 ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) vs Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri**, il-Qorti ġiet mitluba tiddeċiedi dwar jekk bil-fatt illi l-imputati kienu diġa` ġew 'ikkundannati', wara li dawn ħarbu mill-ħabs, għal telfien tar-*remission* mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Ħabs, kienx se jiġi vjolat id-dritt tagħhom li ma jiġux ġudikati darbtejn fuq l-istess reat, bil-proċeduri ġudizzjarji sussegwenti li ttieħdu fil-konfront tagħhom. Dik il-Qorti wieġbet hekk għal din ir-referenza, wara li rreferiet għall-artikolu 4(1) tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni fuq ċitat:

> Din id-disposizzjoni ghandha l-ghan li, salv ghall-eccezzjoni fit-tieni inciz taghha – eccezzjoni li pero` ma hiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza – tassigura li persuna ma tigix assoggettata darbtejn ghal proceduri li jkunu essenzjalment ta' natura penali ghall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proceduri jkunu gew finalment konkluzi (cioe` l-ewwel decizjoni tkun ghaddiet in gudikat)[11]. Din id-disposizzjoni – apparti li ma tipprojbix li persuna tghaddi proceduri penali ghall-istess reat fi Stat iehor – ma tipprojbix li persuna tigi processata darbtejn meta l-istess fatt jaghti lok ghal proceduri penali u ghal proceduri ta' natura

[11] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza **Gradinger v. Austria** 23 October, 1995, para. 53, fejn ingħad hekk: "*Like the Commission, the Court observes that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 (P7-4) is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision*."

ohra, bhal, per ezempju, proceduri dixxiplinari[12]. Dak li jrid jigi determinat, ghalhekk, f'dan il-kaz huwa jekk il-proceduri li ghalihom kienu sottomessi Zammit, Woods u Ahmed Esawi qabel ma huma tressqu akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Marzu, 2001, u cioe` l-proceduri li wasslu ghal, fost affarijiet ohra, "loss of remission" skond ir-Regolamenti dwar il-Habs, kienux semplicement proceduri dixxiplinari – kif jikkontendi l-Kummissarju tal-Pulizija – jew kienux fir-realta` proceduri ta' natura kriminali jew penali.

2. Issa, kif tajjeb osservat il-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza ***Goktan v. France***[13] l-istess espressjonijiet jew kliem uzati f'disposizzjonijiet differenti tal-Konvenzjoni ghandhom ikollhom l-istess sinjifikat:
**"The Court finds that imprisonment in default of payment of the customs fine was not a means of enforcing the fine, but a penalty, both within the meaning of Article 7 of the Convention…and of Article 4 of Protocol no. 7. The notion of what constitutes a "penalty" cannot vary from one Convention provision to another. It therefore finds that the applicant's imprisonment in default amounted to criminal punishment."** (para. 48, sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess ghandu jinghad ghall-kelma "kriminali" wzata fl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll – din ghandha tinghata tifsira identika ghall-istess kelma kif uzata fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fuq dan, anke l-awturi jidher li huma konkordi. Hekk per ezempju, Van Dijk u Van Hoof[14]:
**"The principle that nobody may be tried or punished again is limited to 'criminal proceedings'. In the *Gradinger* Case the applicant had been convicted and punished by a criminal court. Subsequently the administrative authorities imposed a fine on him. The latter punishment was based on the same facts as the former. The applicant complained that the decision of the administrative authorities amounted to a violation of Article 6 of the Convention [the applicant contended that he did not have access to a 'tribunal'] and Article 4 of Protocol No. 7. Thus the Court had to assess whether Article 6 did apply to administrative proceedings. It answered this question in the affirmative with reference to the criteria developed in its case-law. With regard to Article 4 of Protocol No. 7 the same question could have arisen. However, with regard to Article 4 the Court took the existence of the 'criminal proceedings' for granted. Thus, it may be concluded that the notion**

[12] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-***Explanatory Report to Protocol No. 7 to the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms***, para. 32; u Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. ***Law of the European Convention on Human Rights***, Butterworths (London) 1995, p. 569.
[13] 2 ta' Lulju, 2002.
[14] ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights,*** Kluwer Law International (The Hague) 1998.

**<u>of 'criminal' in Article 4 of Protocol No. 7 is identical to the term 'criminal' in Article 6 of the Convention.</u>**" (pagna 690, sottolinear ta' din il-Qorti).

U l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick[15], b'referenza ghall-imsemmi Artikolu 4 jesprimu ruhhom hekk:
**"The term 'criminal' will presumably be given the meaning that it has under Article 6 of the Convention."** (p. 569).

Konsegwentement din il-Qorti ma tarax ghala m'ghandhiex tapplika, sabiex jigi determinat jekk il-proceduri li ghalihom gew assoggettati Zammit, Woods u Ahmed Esawi fil-habs humiex proceduri "kriminali" jew proceduri xort'ohra (ezempju "dixxiplinari"), dawk il-kriterji li l-Qorti ta' Strasbourg holqot maz-zmien sabiex tiddetermina jekk akkuza hiex ta' natura "kriminali" ghall-finijiet tal-Artikolu 6. Dawn il-kriterji huma bazikament tlieta: (a) il-klassifikazzjoni tad-disposizzjoni taht il-ligi domestika, (b) in-natura tar-reat, u (c) in-natura u l-gravita` tal-piena. Dawn it-tlett kriterji gew applikati, per ezempju, fil-kaz ***Engel and Others v. The Netherlands***[16] fejn il-Qorti kellha tiddetermina jekk l-applikanti (membri tal-Forzi Armati Olandizi) jew xi whud minnhom kienux "*the subject of a 'criminal charge' within the meaning of Article 6 paragraph 1.*"[17] F'dik il-kawza, dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk:
**"In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This, however, provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal or relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various contracting States.**

**"The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act of omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal law. In this respect the Court expresses its agreement with the Government.**

**"However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society subscribing to the rule of law, there belong to the "criminal" sphere deprivations of**

[15] *op.cit.* nota *in calce* nru 22.
[16] 8 ta' Ġunju, 1976.
[17] para. 83.

**liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so.”** (para. 82).

Fi kliem iehor -- u kif jispjegaw van Dijk u van Hoof[18] -- ghalkemm il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il-ligi domestika wiehed ghandu jikkunsidraha, u ghalkemm in-natura tar-reat (cioe` ghal min hija intiza d-disposizzjoni li toholqu u x’inhu l-iskop taghha) hija importanti, fir-realta` il-kriterju verament determinanti huwa dak tan-natura u l-gravita` tal-“piena” jew “konsegwenza” li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni.

4. Fil-kaz in dizamina, Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew akkuzati (skond il-proceduri interni tal-habs) taht disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Habs kjarament intizi sabiex tinzamm id-dixxiplina fil-Habs ta’ Kordin... F’din il-lista wiehed isib ghemil li huwa purament kwistjoni ta’ dixxiplina (bhal, per ezempju, li prigunier juri nuqqas ta’ rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs – reg. 75(o)), filwaqt li ohrajn jistghu jaghtu lok ukoll ghal proceduri quddiem Qorti ta’ Gustizzja Kriminali (bhal, per ezempju, li prigunier jaghti n-nar lil xi proprjeta` kemm tieghu stess jew le – reg. 75(k)). Kif diga` nghad, l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll numru Sebgha ma hux ta’ ostakolu li, fuq l-istess fatt, jittiehdu kemm proceduri dixxiplinari kif ukoll proceduri kriminali, u dan indipendentement ukoll mill-ordni li fih dawn jittiehdu. Issa, fl-kaz de quo Zammit, Woods u Ahmed Esawi it-tlieta li huma gew akkuzati, ghal finijiet ta’ dixxiplina, fost ohrajn bir-reat “dixxiplinari” kontemplat fil-paragrafu (u) tar-regolament 75, u cioe` talli harbu waqt li kienu mizmuma jew meqjusa li kienu mizmuma fil-habs. Dan ir-reat jista’ jgib mieghu, skond ir-Regolamenti dwar il-Habs, il-possibilita` ta’ “loss of remission” ta’ mhux aktar minn tlett mija hamsa w sittin (365) jum (ara r-regolament 78(1)(g)). Effettivament huma t-tlieta gew misjuba hatja mill-Bord skond l-imsemmi paragrafu (u) u kkundannati l-massimu ta’ loss of remission fuq din l-akkuza, liema sejbien ta’ htija u piena gew konfermati (fir-rigward ta’ Zammit u ta’ Ahmed Ezawi – Woods ma appellax) mit-Tribunal ta’ l-Appelli. Din il-Qorti, fid-dawl ta’ dak deciz mill-Qorti ta’ Strasbourg kemm fil-kaz ***Campbell and Fell v. United Kingdom***[19] kif ukoll aktar recentement fil-kaz ***Ezeh and Connors v. United Kingdom***[20] ma tistax ma tqisx tali piena ta’ loss of remission

[18] *op.cit.* paġni 410 sa 416.
[19] 28 ta’ Ġunju, 1984.
[20] 15 ta’ Lulju, 2002. F’dak il-każ, l-applikanti li kienu qed jiskontaw piena ta’ priġunerija, setgħu jingħataw jiem addizzjonali ta’ detenzjoni, tant illi l-ewwel applikant kien ingħata 40 jum addizzjonali u t-tieni applikant

(cioe` fl-ammont ta' 365 jum ossia sena) bhala piena "kriminali" u mhux semplicement dixxiplinari ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, u dan minhabba n-natura (telf ta' liberta` personali) u s-severita` taghha, b'mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu wkoll fir-realta` ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari. Kif intqal fil-kaz ***Campbell and Fell***

**"…the Court is of the opinion that the forfeiture of remission which Mr Campbell risked incurring and the forfeiture actually awarded involved such serious consequences as regards the length of his detention that these penalties have to be regarded, for Convention purposes, as 'criminal'."** (para. 72)

5. ... Il-Qorti tippreciza wkoll li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht il-paragrafu (j) tar-regolament 75 – u cioe` li wiehed "*jiehu, minghajr awtorita` jew raguni legittima, xi oggett li jkun jappartjeni lil persuna ohra jew lill-habs*" – dan jista' jgib biss massimu ta' *loss of remission* ta' mija w ghoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia wahda li tista' tissarraf f'zieda ta' biss erba' xhur aktar ta' prigunerija effettiva, tista' titqies bhala wahda dixxiplinari, u ghalhekk il-fatt li Zammit, Woods u Ahmed Esawi gew liberati minn dik l-akkuza ifisser li huma gew liberati minn akkuza dixxiplinari u mhux minn wahda li hija fir-realta` ta' natura kriminali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-imputat ma tressaqx quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-ħabs dwar il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni u l-unika miżura li ttieħdet, għall-fatt illi huwa nstab fil-pussess tal-oġġetti mertu tal-każ odjern, kienet illi huwa ttieħed mill-*Forensic Unit* ġewwa l-isptar Monte Karmeli għad-Diviżjoni 6, li jirriżulta li hija proċedura normali f'każijiet bħal dawk tal-lum. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk u fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati, ma jistax jingħad li, minbarra l-proċeduri odjerni, ittieħdu xi passi li jistgħu jitqiesu bħala kriminali jew penali fin-natura tagħhom fil-konfront tal-imputat u għalhekk ma jistax jingħad illi tirriżulta n-*ne bis in idem*.[21] Għal kull buon fini l-Qorti tirrileva wkoll illi minn Dok. HG 1[22], jirriżulta in oltre illi fit-18 ta' Marzu 2016 – ossia l-għada tal-każ odjern – saru żewġ rapporti oħra fil-konfront tal-imputat; wieħed għaliex instab pożittiv għad-droga, li l-Qorti diġa` rreferiet għalih iżjed 'il fuq, u ieħor stante illi nstabu xi oġġetti projbiti fil-pussess tiegħu. Mix-xhieda mogħtija mill-Uffiċjali tal-Ħabs ma jirriżultax x'kien jitratta dan l-inċident u lanqas illi dan

ingħata 7 ijiem addizzjonali, li skond il-liġi domestika, kienu ekwivalenti, fit-tul tagħhom, għal sentenzi ta' ħdax-il ġimgħa u ħmistax-il jum priġunerija rispettivament. Għalhekk intqal ukoll mill-Qorti f'dak il-każ illi: *"In these circumstances, the Court finds that the deprivations of liberty which were liable to, and which actually were, imposed on the applicants cannot be regarded as sufficiently unimportant or inconsequential as to displace the presumed criminal nature of the charges against them"*.

[21] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Ludwig Bugeja**, deċiża fit-22 ta' Settembru 2022.

[22] A fol. 123 tal-proċess.

kellu x'jaqsam mal-inċident mertu tal-każ odjern, tant li kif ingħad Lieutenant Helenio Galea xehed illi ma ttieħdux passi fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma' dan il-każ. In oltre l-każ tat-18 ta' Marzu 2016 jidher li kien separat minn dak tal-jum ta' qabel, u dan għaliex fid-dokument imsemmi, il-każ mertu ta' din is-sentenza jidher indikat separatament bħala li seħħ fis-17 ta' Marzu 2016 u ħdejh hemm indikati l-kliem '*Pol case*', kif imfissra fix-xhieda ta' Lieutenant Helenio Galea. Biss għal kull buon fini jingħad illi anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, ir-rapport tat-18 ta' Marzu 2016 kellu x'jaqsam ma' dak tal-jum ta' qabel, dwar liema skont l-istess dokument, l-imputat ingħata "*1 day cell confinement*", fid-dawl tas-sentenza fuq ċitata, il-Qorti ma tqisx illi tali kastig jista' jammonta għal wieħed ta' natura kriminali, iżda sempliċiment ta' natura dixxiplinari.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli bi kliem insolenta u hedded lill-Maġġur George Mallia, persuna nkarigata minn servizz pubbliku ġewwa l-*Forensic Ward,* Sptar Monte Karmeli, Attard u dan b'referenza għall-istess jum u ħin indikati fiċ-ċitazzjoni.

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bir-reat ikkontemplat fl-**artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali** li jgħid hekk:

> Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

Illi kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Catherine Grixti**</u>, deċiża fis-6 ta' Jannar 2016:

> "Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid, intenzjonat biex inaqqas il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.
>
> Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz

> pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
>
> Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:
>
> "*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."
>
> Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika."

Illi fil-każ odjern, mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, wara li l-imputat instab fil-pussess tal-oġġetti deskritti minn PC 1522 Marco Azzopardi, huwa ttieħed ġewwa l-uffiċċju tal-**Maġġur George Mallia** sabiex dan ikellmu, u jiġi eżaminat minn Dr. Xuereb bil-għan illi jiġi stabbilit jekk setax jiġi interrogat. Mix-xhieda tal-istess Maġġur jirriżulta illi l-imputat mill-ewwel kien aggressiv, illi dan qallu sabiex ma jidgħix quddiem it-tabiba, kien se jħebb għalih, u illi x'ħin ħareġ mill-uffiċċju tiegħu baqa' jargumenta u ta daqqa ta' ponn bir-riżultat li faqa' l-bieb tat-*toilet*. Jixhed ukoll illi dak il-ħin huwa qam sabiex iżomm lill-imputat, f'liema waqt l-istess imputat dar għalih biex jagħtih bil-ponn, iżda dan ġie miżmum minn uffiċjali oħrajn. Skont il-Maġġur, l-imputat qallu li kien se jpattihielu u fi kliemu "*insibek u affarijiet hekk*"[23]. **PC 1522 Marco Azzopardi** jixhed illi huwa ma kienx preżenti meta l-Maġġur tkellem mal-imputat u **CO 120 Jason Galea** jixhed illi għall-ħabta tas-6.00 p.m., huwa sema' għajjat u storbju ħdejn l-uffiċċju tal-Maġġur u hemmhekk sab lill-imputat jargumenta u jipprova jħebb għall-Maġġur. Jixhed in oltre illi kien hemm ħafna dagħa u storbju da parti tal-imputat, iżda ma ftakarx jew ma kienx jaf dwar xi kliem intqal mill-imputat lill-Maġġur.[24] Dwar dan l-inċident **CO 78 Wilfred Brincat** jixhed illi l-imputat beda jidgħi u bħal iqum minn postu biex jagħmel għall-Maġġur, filwaqt illi huma ppruvaw jikkalmawh. Jixhed ukoll illi hekk kif kien ħiereġ mill-uffiċċju tal-Maġġur, l-imputat ipprova jħebb għall-istess Maġġur, u skont hu, kien se jagħtih bil-ponn, iżda laqat il-bieb tat-*toilet*. Jixhed in oltre illi l-imputat beda jidgħi u hedded lill-Maġġur bil-kliem "*insibek*" u "*din mhux ser tieqaf hawn*" fost ħafna

---

[23] A fol. 14 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 12 *et seq* tal-proċess.
[24] A fol. 20 *et seq* tal-proċess.

dagħa u kliem ħażin.[25] **CO 51 Paul Sciberras** jixhed fir-rigward illi kien hemm ħafna dagħa u storbju da parti tal-imputat, iżda hu ma fehem xejn għax daħlu malajr u ma jafx jekk l-imputat qalx xi diskors fil-konfront tal-Maġġur.[26] **PS 609 James Magro** jixhed illi huwa mar fuq il-post dakinhar tal-inċident sabiex jieħu r-rapport, fejn il-Maġġur Mallia qallu li kien bagħat għall-imputat, li kien aggressiv u ta daqqa ta' ponna fil-bieb, kif ukoll illi dan beda jgħajjru u jheddu bil-kliem "*nifqghalek wiccek, jien ilni nghidilkom*".[27] Mir-rapport esebit mill-istess PS 609 James Magro u redatt minnu stess, jirriżulta fir-rigward illi l-imputat beda jgħid lill-Maġġur il-kliem "*Jiena ilni nghidilkom*", "*nifqalek wiccek*", illi dan kien aggressiv u kien se jħebb għall-Maġġur, iżda żammewh l-uffiċjali l-oħrajn.[28]

Da parti tiegħu, **l-imputat** jixhed illi mal-Maġġur dakinhar tilef il-kontroll u fi kliemu "*Hafna ghajjat u storbju u paroli zejjed*". Skont hu, kelma ġġib oħra u spiċċaw bil-paroli bejniethom.[29]

M'hemmx dubbju fl-ewwel lok illi fost il-kliem użat mill-imputat u dirett lejn il-Maġġur George Mallia, kif jixhed l-istess Maġġur u anke CO 78 Wilfred Brincat, kien hemm kliem ta' theddid fit-termini tal-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Anke l-kliem rappurtat minn PS 609 James Magro bħala kliem li l-Maġġur qal li kien dirett lejh mill-imputat jammonta għal theddid, u fir-rigward il-Qorti tqis illi minkejja li l-Maġġur ma qalx speċifikitament illi dan il-kliem intuża fil-konfront tiegħu, biss huwa kwalifika x-xhieda tiegħu billi qal illi l-imputat qallu "*insibek u affarijiet hekk*" u għalhekk b'dan ried ifisser, fil-fehma tal-Qorti, kliem simili ta' theddid. Biss in kwantu l-inġurja, għalkemm ix-xhieda kollha xehdu illi kien hemm ħafna dagħa, għajjat u storbju da parti tal-imputat, ħadd mix-xhieda ma speċifika li l-imputat qal xi kliem fil-konfront tal-Maġġur li jista' jiġi meqjus bħala inġurjuż għall-istess Maġġur jew intiż sabiex inaqqaslu ġieħu. Il-Qorti tinnota illi għalkemm fix-xhieda tiegħu PS 609 jixhed, fuq kliem il-Maġġur, illi l-imputat beda jgħajjru, dan fil-fatt ma jissemma mkien fir-rapport tiegħu u lanqas il-Maġġur ma jikkonferma li kien intqal lilu kliem tali. Dagħa, għajjat u storbju ma jammontax neċessarjament għal inġurja. Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati biss ta' dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirreferi għat-theddid fil-konfront tal-Maġġur George Mallia, li dak il-ħin ċertament kien jinsab fil-qadi ta' dmirijietu.

[25] Ara a fol. 23 *et seq* tal-proċess.
[26] Ara a fol. 26 *et seq* tal-proċess.
[27] Ara din ix-xhieda a fol. 29 *et seq* tal-proċess.
[28] Ara r-rapport esebit a fol. 33 *et seq* tal-proċess.
[29] Ara a fol. 88 *et seq* tal-proċess.

Finalment, permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reċidiva. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet numru ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat ossia s-segwenti:

i. Sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tas-17 ta' Marzu 2011, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Dylan Degiorgio', li permezz tagħha l-imputat odjern (u dan qed jingħad għaliex in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern) ġie kkundannat xahar priġunerija – Dok. SZ 3, a fol. 65;

ii. Sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tat-13 ta' Settembru 2011, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Dylan Degiorgio', li permezz tagħha l-imputat odjern (anke hawn in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern) ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor għall-perjodu ta' tmintax-il xahar minn dakinhar tas-sentenza u ġie kkundannat iħallas multa ta' €500, li kellha titħallas f'għoxrin rata mensili bl-ewwel pagament dovut sal-aħħar ta' Settembru 2011 – Dok. SZ 4, a fol. 66 *et seq*;

iii. Sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tas-27 ta' Settembru 2011, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Dylan Degiorgio', li permezz tagħha l-imputat odjern (anke hawn in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern) ġie kkundannat għal multa ta' €500, liema multa kellha titħallas fi żmien tlett snin, u in oltre tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet snin – Dok. SZ 5, a fol. 69 *et seq*;

iv. Sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tal-31 ta' Ottubru 2014, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Robert Said Sarreo) vs Dylan Degiorgio', li permezz tagħha l-imputat odjern (anke hawn in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern) ġie kkundannat b'kollox għal erba' xhur priġunerija effettiva – Dok. SZ 6, a fol. 72 *et seq*;

v. Sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta tal-14 ta' Ottubru 2014, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Dylan Degiorgio' li permezz tagħha l-imputat odjern (anke hawn in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern), ġie kkundannat għall-piena ta' sentejn priġunerija - Dok. SZ 7, a fol. 74 *et seq*;

vi. Sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-8 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Dylan Degiorgio' li permezz tagħha l-imputat odjern (anke hawn in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern), ġie kkundannat għall-penali ta' €100 – Dok. SZ 8, a fol. 79 *et seq.*

Fir-rigward il-Qorti tqis illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma provdiet l-ebda prova li turi jekk is-sentenzi indikati fil-paragrafi (i), (iv), (v) u (vi) kienux jagħmlu stat fil-konfront tal-imputat, ossia jekk dawn kinux *res iudicata* jew kinux soġġetti għal xi appell fil-jum li fih l-istess imputat ikkommetta r-reati ta' llum.

Madankollu fir-rigward tas-sentenzi ndikati fil-paragrafi (ii) u (iii), il-Qorti qed tqis illi mis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2014 (Dok. SZ 6) jirriżulta illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu – ossia *inter alia* li kiser l-provvedimenti mogħtija b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Settembru 2011 (u għalhekk is-sentenza Dok. SZ 5), kif ukoll illi kiser il-provvidementi mogħtija b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-14 ta' Settembru 2011 – fil-fatt din hija s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2011 (Dok. SZ 4) u dan qed jingħad għaliex meta wieħed iqabbel din is-sentenza ma' dak li jirriżulta mill-fedina penali tal-imputat taħt id-data tal-14 ta' Settembru 2011, jirriżulta illi din fil-fatt kienet l-istess sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, u dan qed jingħad kemm fid-dawl tal-imputazzjonijiet, kif ukoll tal-piena riżultanti mill-fedina penali u mis-sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, li huma identiċi. Mis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2014 (Dok. SZ 7), imbagħad, jirriżulta illi f'dak il-każ l-imputat ukoll ġie akkużat u ammetta illi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza tal-14 ta' Settembru 2011 (anke hawn din kellha taqra 13 ta' Settembru 2011, Dok. SZ 4) u waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2011 (Dok. SZ 5). B'dan għalhekk illi fid-dawl tal-ammissjonijiet tal-imputat fil-proċeduri msemmija, il-Qorti tqis illi l-istess imputat irrikonoxxa li tali sentenzi kienu jagħmlu stat fil-konfront tiegħu u għalhekk tqis illi jirriżulta ppruvat illi dawn kienu *res judicata*. Madankollu, in kwantu permezz ta' dawn is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2011 u tas-27 ta' Settembru 2011 rispettivament, l-imputat ġie kkundannat ukoll għall-pieni pekunjarji, li ma jirriżultax jekk tħallsux o meno mill-imputat, jew allura jekk ġewx skontati minnu fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed issib li l-imputat huwa reċidiv biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Novembru tas-sena 2020, liema fedina penali hija waħda

refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar serq sempliċi u aggravat (f'ħames okkażżjonijiet), ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, pussess ta' droga (fi tlett okkażżjonijiet), ksur ta' kundizzjonijiet imposti b'diversi sentenzi, talli kkaġuna offiża ta' natura ħafifa, reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u ħsara volontarja u involontarja (f'żewġ okkażżjonijiet), dwar liema huwa tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* erba' darbiet, ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor, ingħata pieni pekunjarji erba' darbiet u sentenzi ta' priġunerija effettiva ħames darbiet. L-aħħar sentenza ta' priġunerija effettiva ngħatat fi Frar 2020, b'dan għalhekk illi jidher illi l-imputat baqa' fl-istess triq u m'għarafx jużufruwixxi mill-opportunitajiet li tawh il-Qrati sabiex jikseb l-għajnuna u jirriforma ruħu.

Tqis ukoll illi r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati ġew kommessi minnu waqt illi huwa kien detenut ġewwa l-*Forensics Ward*, fl-isptar Monte Karmeli u illi ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.02, tali post huwa dikjarat li huwa ħabs għall-finijiet tal-Att dwar il-Ħabs. **L-artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali** jgħid hekk:

> (1) Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw.
>
> (2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu "priġunier" għandha l-istess tifsira li ngħatatilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħabs u tinkludi priġunier meqjus li hu miżmum f'ħabs skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-istess Att.

**L-artikolu 2 tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta**, imbagħad jaqra hekk:

> "ħabs" tfisser il-Ħabs ta' Kordin u tinkludi kull post jew bini ieħor li hu dikjarat jew li jitqies li hu ħabs skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3;
>
> ...
>
> ...
>
> "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'xi ħabs;

B'dan ukoll illi **l-artikolu 3 tal-istess Kapitolu** jipprovdi hekk:

> (1) Il-Ministru jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jiddikjara li jkun ħabs kull post jew bini jew parti minn bini.
>
> ...

> (3) Priġunier jitqies li hu miżmum f'ħabs filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.

M'hemmx dubbju għalhekk minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, illi fil-waqt illi l-imputat kien miżmum ġewwa l-*Forensic Ward* fl-isptar Monte Karmeli, li huwa dikjarat bħala ħabs skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.02, huwa kien meqjus bħala priġunier ai fini tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi japplikaw, fit-temperament tal-piena, id-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* **Rona Agius Custo** fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020, mil-liema jirriżulta illi hija kienet qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Trattament mogħtija fi Frar tal-istess sena u dan fid-dawl tal-vizzju tad-droga tal-istess imputat. Tixhed illi hija kienet issegwih ukoll qabel, mis-sena 2015, u illi rat "*ftit bidla*" fih u dan fis-sens illi l-attitudni tiegħu kienet kemmxejn aħjar u kien qed jikkopera iżjed, iżda baqgħet il-preokkupazzjoni illi huwa ma jerfax ir-responsabbilta` ta' għemilu. Għalkemm l-imġieba tiegħu fil-ħabs, fejn kien qed jinżamm fiż-żmien ta' din ix-xhieda, kienet aħjar, kien involut f'żewġ inċidenti, b'riżultat ta' liema kien qed jinżamm f'Diviżjoni 6. Hija tixhed ukoll illi kienet qed tiġi esplorata l-possibilita` li l-imputat jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni, għalkemm sakemm inqala' l-aħħar inċident ġewwa l-ħabs, din qatt ma kienet ix-xewqa tal-imputat.[30] Minn din ix-xhieda, jirriżulta għalhekk illi l-imputat baqa' fil-vizzju tad-droga u ma għamel xejn sabiex jirrijabilita ruħu minn dan il-vizzju. Għalkemm skont l-Uffiċjal tal-*Probation* kien hemm xi tibdil fl-attitudni tiegħu, jidher illi din ma kinitx biżżejjed sabiex l-imputat jirriforma ruħu u jżomm il-bogħod mill-kriminalita` u mill-ħabs.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), 31, 33A, 49 u 95 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Dylan Degiorgio** mhux ħati ta' dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirreferi għall-insulti fil-konfront tal-Maġġur George Mallia u tilliberah minn din il-parti tal-istess imputazzjoni, filwaqt illi qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni, ta' dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirreferi għal theddid fil-konfront tal-imsemmi Maġġur u tat-tielet imputazzjoni fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah fir-rigward għall-piena ta' **seba' (7) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt ewro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u

[30] Ara a fol. 127 *et seq* tal-proċess.

konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna d-distruzzjoni ta' Dok. SZ 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat